# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 436/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Stephen Ciangura**

iben Alfred, imwieled l-Imtarfa, fit-23 ta' Frar, 1977, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 104377(M)

Illum, 24 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Stephen Ciangura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghal habta ta' xi l-02:30hrs ta' nhar il-15 ta' Awwissu, 2009 gewwa Gianpula, limiti tar-Rabat (Malta):-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Rene Brincat,

liema hsara tista' tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dana bi ksur ta'l-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, bhala ufficjal pubbliku, ikkometta reat li huwa bhala ufficjal pubbliku kellu id-dmir jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsehh u dana bi ksur ta'l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tad-9 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha f'dan il-kaz issib lill-appellat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-Ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza taghha kif hawn fuq riferita, inter alia ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi kif migjuba li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-akkuza migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel xejn jinghad li l-esponent jaqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn f'pagna 6 tas-sentenza taghha tikkonkludi :

"Illi dana kollu ghalhekk iwassal lil Qorti ghal konvinzjoni morali illi Rene' Brincat sefa midrub minhabba agressjoni li sofra minn membru tas-sigurta filwaqt illi huwa kien qieghed jigi skortat 'il barra mill-istabbiliment ta' Gianpula."

L-esponent ma jaqbilx li mill-banda l-ohra m'hemmx provi bizzejjed li jindikaw li l-imputat ikkommetta l-griehi fuq il-persuna ta' Rene' Brincat. L-esponent itenni li hemm provi diretti u indiretti li jindikaw dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

L-ewwelnett, hemm l-element tal-identifikazzjoni pozittiva maghmula mill-vitma fir-rigward ta' min kien l-aggressur tieghu. Ghalkemm huwa minnu li l-vittma jghid li kien gie aggredit minn aktar minn ufficjal tas-sigurta wiehed, huwa jghid, kemm lill-Pulizija wara li gie mitkellem, meta kien f'kondizzjoni li jitkellem u jinftiehem li kien l-imputat li kien tah id-daqqa li kkagunatlu l-grieni gravi kif ukoll itenni dan meta tela' jixhed viva voce quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). A fo1. 29 Rene' Brincat jghid car u tond li : -

« Ezatt kif kont ser inqum sabiex nitlaq il-barra jiena rajt lis-security Stephen Ciangura, bdejt niskuza ruhi mieghu u nghidlu li kont ser nitlaq il-barra izda huwa qabadni minn rasi u taghni daqqa b'irkoptu taht geddumi. Nghid illi b'din id-daqqa stordejt xi ftit, nghid li f'dan il-mument qabduni wkoll is-securities li kien hemm ghollewni u tefghuni 'l barra. Hekk kif kien qed jitfghuni l-barra huma bdew il-hin kollu jtuni wkoll. »

Dan jerga jigi mtenni a fol 110.

Evidentement hawnhekk jirrizulta li l-vittma ndikat kemm min kien li tah id-daqqa li korrietu - cioe' l-imputat, kif ukoll il-modalita' ta' kif din id-daqqa giet moghtija lilu - billi l-imputat qabdu minn rasu u tah « knee strike» taht geddumu. Id-daqqa li qala ma kienetx kompatibbli ma' xi waqa jew xi daqqa li allegatament inghatalu taht ghajnejh minn xi hadd mill-ufficjali tas-sigurta'.

Din il-modalita' hija konfortata wkoll mir-relazzjoni tal-espert mediko legali Mario Scerri li a fol. 68 itenni li Rene' Brincat sofra minn frattura fuq in-naha tal-lemin tal-mandible fil-livell tas-second lower incisor tooth « hija kagun ta' trawma vjolenti» li huwa garrab waqt l-imsemmi incident.

Rene' Brincat itenni li ghalkemm huwa kien xorob xi xorb alkoholiku, huwa ma kienx fis-sakra kif jallega l-imputat. Anzi x-xhud in difesa, Norbert Ciantar, (li kien midhla sewwa tax-xorb alkoholiku u tal-konsegwenzi li dan igib fuq nies li jiffrekwentaw dan il-lokali ghax kien hu li

jiccekkja li min jidhol ma jkunx fis-sakra !) a fol. 160 jghid li lil Rene' Brincat « ma rajtux fis-sakra jiena».

L-esponent itenni ghalhekk li jekk :

(a) Rene' Brincat kien jaf min huwa l-imputat minn lokali ohrajn fejn kien gieli rah iservi bhala ufficjal tas-sigurta' (u ghalhekk kien jafu sew li kien ufficjal tas-sigurta, ghalkemm qatt ma kien kiel il-kirxa mieghu);

(b) Rene' Brincat ma kienx fis-sakra meta huwa gie aggredit u ghalhekk huwa kien f'posizzjoni li jaghraf min kien qed itih id-daqqa li korrietu;

(c) Rene' Brincat kien f'posizzjoni li jiddeskrivi kjarament il-modalita ta' kif din id-daqqa giet moghtija lilu - liema daqqa hija vjolenti bizzejjed biex tista ggib il-konsegwenzi riskontrati mill-espert legali Mario Scerri;

(d) liema modalita' fil-fatt tehtieg li l-vitma tigi f'kuntatt dirett u mill-qrib hafna tal-aggressur tieghu b'mod li biex tali daqqa tigi moghtija l-aggressur u l-vittma letteralment ikunu quddiem xulxin f'distanza li jkunu wicc imb wicc u kwazi gisem ma gisem, huwa altament verosimili li Rene' Brincat jidentifika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-aggressur tieghu fir-rigward ta' din id-daqqa vjolenti kien fil-fatt l-imputat.

Huwa veru li Rene' Brincat ma semmiex mill-ewwel waqt li kien qed jittiehed l-isptar min kien l-aggressur tieghu. Pero' kif ighid Raffaele Bonello a fol. 36 ftit wara li kien qala d-daqqa ta' rkobba fuq geddumu Rene' Brincat ma kienx f'posizzjoni li jitkellem minhabba li
«Jien osservajt li kellu halqu u snienu jiccaqalqu, nofshom l-isfel u nofshom il-fuq u kellu hafna demm ukoll. Fil-fatt nghid illi huwa l-anqas biss setgha jkellimna u ma bdejniex nifhmuh x'kien qed jipprova jghid ».

Il-verzjoni rakkontata minn Rene' Brincat ghalkemm mhix konkordi fid-dettalji kollha, hija konkordi fl-aktar mumenti importanti u d-dettalji li fihom sehhet l-aggressjoni da parti tal-

imputat fuq il-persuna tieghu. Rene' Brincat ma giex kontraddett dwar is-sustanza tal-incident u l-mod ta' kif huwa garrab il-griehi u min infligga tali griehi fuqu.
Ghal kuntrarju ta' dan, il-verzjoni tal-fatti rakkontata mill-imputat appellat u mix-xhieda prodotti minnu hija tant kontradittorja li l-anqas tista' twassal sar-relm tal-probabbli, jirrizulta kjarament li hemm diskrepanza qawwija bejn il-verzjoni tal-fatti rakkontata mill-imputat appellat u mix-xhieda tieghu ossija huh Trevor Ciangura u ex kollega dipendenti tieghu Sandro Ghio. Bid-dovut rispett l-anqas il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma kienet konvinta mill-verzjoni tal-fatti rakkontata minnhom.[1]

Hija evidenti li bejn dawn ix-xhieda hemm verzjoni tal-fatti intiza u mahduma biex telimina lill-imputat kompletament minn fuq ix-xena tad-delitt, kif ukoll li tezonarah mir-responsabbilta ghal dan l-akkadut. Biss it-tarka li jippruvaw jghollu madwaru Trevor Ciangura u Sandro Ghio hija maqsuma bix-xabla tad-deposizzjoni tal-imputat innifsu. Fil-fatt ghalkemm l-imputat jichad li huwa qatt ta' xi daqqa lil Rene' Brincat, jikkolloka lilu innifsu mhux biss fuq il-post tal-incident izda wkoll itenni li kien hu stess li hareg lil Rene' Brincat il-barra minn dan l-istabbiliment. Trevor Ciangura u Sandro Ghio jghidu bil-maqlub.

L-imputat fl-istqarrija tieghu a fol. 16 jghid –

« Jien nghid ukoll illi x'hin hrigt lil dan il-guvni 'l barra anqas biss hrigt mill-bieb il-barra tal-istabbiliment u meta nghid jiena nirreferi ghas-securities kollha li kien hemm mieghi. Nghid li x'hin jien hallejtu barra dan kien sewwa u ma kellu xejn fl-ebda parti minn gismu »

A fol. 128, meta xehed bil-gurament quddiem il-Qorti tal-Magistrati, l-imputat rega' tenna l-verzjoni tieghu u kkolloka ruhu ma’ Trevor Ciangura u ma’ Sandro Ghio fuq il-locus tad-delitt meta jghid li Rene' Brincat kien qed jillitika ma Trevor Ciangura u Sandro Ghio u kien hemm ukoll xi erba' jew hames zghazagh ohra u meta wiehed minn dawn iz-zghazagh ivvolontarja

---

[1] IIIi apparti l-imputat, kien hemm ukoll involuti Trevor Ciangura u Sandro Ghio. Illi l-ebda wiehed minn dawn it-tlieta minn nies ma jammettu illi f'xi hin refghu idejhom fuq Brincat. Illi kif diga inghad *supra*, dana huwa ghal kollox inverosimili billi indubbjament il-griehi ta' Brincat gew ikkagunati minn xi hadd tas-sigurta'.' Pagna 7 tas-sentenza.

biex johrog lil Rene' Brincat barra kien l-istess imputat appellat li nsista li kellu johrog lil Rene' Brincat barra hu.

Mill-banda l-ohra, Trevor Ciangura jaqla lil huh Stephen Ciangura l-barra mill-istorja kompletament billi a fol. 167 ighid li lil Rene' Brincat :

«Qbadtu jien u kien hemm bniedem iehor, hrignieh il-barra ghax kien aktar vicin ghalija, hrignieh mill-entrance u kif konna hergin il-barra ghalaqna il-bieb ».

Dan il-bniedem l-iehor kien Sandro Ghio.

A fol. 168, mistoqsi mill-Avukat Difensur jekk lil Rene' Brincat kienx l-imputat li hargu l-barra u qabel ma ghamel dan tah daqqa bl-irkoppa, Trevor Ciangura jghid li ma kienx huh li hargu l-barra izda li kien hu, Trevor Ciangura li hareg lil Rene' Brincat il-barra mill-istabbiliment.

Sandro Ghio jaqbel ma Trevor Ciangura fis-sens li a fol. 177 jghid hekk:

« Ghidtlu, « x’gara Trevor ?». qalli, « dan ghal barra, dan il-percimes » u hrignieh ghal barra. Kien hemm l-ewwel access ghall-barra biex nevakwawh il-barra, waqafna fil-bieb, kien hemm security iehor, ghalaqna l-bieb, s'hemmhekk. »

A fol. 178 mistoqsi mill-Avukat difensur jekk Rene' Brincat kienx imwegga u mahrug il-barra minn Stephen Ciangura huwa jtenni li:
« Mhux vera, ghax fl-ebda hin, fl-ebda hin li saret il-glieda voldieri sakemm inzilt minn fuq il-box u hrignieh il-barra jien qatt ma rajtu. »

Anzi biex zgur jassigura li hu u Trevor Ciangura jibnu hajt ta' protezzjoni madwar l-imputat appellat l-istess Sandro Ghio jtenni, a fol. 180 u 181 li huwa kien gie mitlub biex jixhed f 'dan il-kaz minn Trevor Ciangura kif ukoll meta mistoqsi mill-Ispettur Ramon Mercieca ghaliex hass il-htiega li jmur jixhed hemmhekk huwa jtenni testwalment illi :

« Biex niggustifika jiena li Stephen qatt ma kien involut fiha ».

Hawnhekk l-esponent umi1ment jistaqsi - allura ghaliex hemm din id-diskrepanza daqshekk qawwija bejn il-verzjoni moghtija mill-imputat appellat innifsu u dawn iz-zewgt xhieda in difesa? Ghaliex l-imputat appellat qiegħed jikkonferma bil-gurament l-oppost ta' dak li huh u Sandro Ghio qed itennu? Lil min ghandek temmen fost dawn ix-xhieda tad-difiza - lill-imputat, li kien konsistenti almenu filli kien hu li hareg il-barra lill-vittma, jew lix-xhieda tieghu li kompletament jaqilghuh minn fuq il-locus tad-delitt? Xi hadd hawnhekk zgur li mhux qed jghid il-verita - u dan huwa evidenti ghax ma jistax ikun li l-verzjoni li bniedem jistqarr li kien prezenti tigi rikonciljata logikament u verosimilment mal-verzjoni ta' haddiehor li fir-rigward tal-istess kuntest u cirkostanzi jghid li l-istess bniedem ma kienx prezenti! Il-verita' hija wahda - u ma tistax tinqasam fi tnejn - kif qed jipprovaw jaghmlu l-imputat appellat u x-xhieda prodotti minnu.

Huwa minnu li normalment id-dubju ragonevoli ghandu jigi interpretat favur l-akkuzat. Izda bid-dovut rispett f'dan il-kaz mhux kwistjoni ta' ragjonevoli dubju, izda hawn si tratta ta' dubju debitament orkestrat a tavolino, intiz li jhawwad il-mohh tal-gudikant fl-evalwazzjoni tal-provi, kif jigri solitament f'dawn il-kazijiet fejn kulhadd ikun flimkien u involut fl-incident izda meta nigu ghas-si u no kulhadd jahrab jigri mir-responsabbilita' u jghid jew li mhux jien jew li mhux dak jew li mhux l-iehor u b'hekk jikkrejaw sitwazzjoni fejn fil-konfuzjoni tal-verzjonijiet mahluqa minnhom stess, ghal interessi evidenti, jispicca li jkun hemm il-ferut, ma jkun hemm hadd identifikat li jidher li jkun ferih, u naturalment il-ferut jibqa' jkanta!

Bir-rispett kollu din mhix xi commedia all'italiana u dawn il-Qrati ma ghandhomx ikunu strument t'orkestrazzjonijiet simili. Dan huwa kaz fejn konsegwenza tal-vjolenza ezercitata f'dan il-kaz, guvni baqa' ferut f'sahtu b'mod permanenti.

Huwa evidenti li jekk il-verzjonijiet tal-imputat appellat jigu emmnuti, li almenu kien verament hu li hareg il-barra lil Rene' Brincat, allura l-verzjoni ta' Rene' Brincat li kien hemm aktar minn ufficial tas-sigurta li daruh u li harguh il-barra, izda li kien biss l-imputat appellat li infliggielu «knee strike» li korrietu takkwista aktar kredibbilita. Mill-banda l-ohra jekk il-verzjoni orkestrata

ta' Trevor Ciangura u Sandro Ghio tigi emnuta allura tista ironikament twassal ghad-decizjoni erroneja li waslet ghaliha l-Qorti tal-Magistrati fl-evalwazzjoni taghha. Il-verzjoni ta' Trevor Ciangura u Sandro Ghio hija kontradetta mill-imputat appellat stess.

Jekk mill-banda l-ohra temmen parti mill-verzjonijiet moghtija mix-xhieda tad-difiza u dak li jghid Rene' Brincat, wiehed jista jasal ghal konkluzjoni li fil-fatt fuq il-locus tal-incident kien hemm aktar minn ufficjal tas-sigurta wiehed, li kien hemm kemm Trevor Ciangura, Sandro Ghio kif ukollli nghaqad maghhom l-imputat appellat. Illi ghalkemm Rene' Brincat kien beda jillitika ma’ Trevor Ciangura, Rene' Brincat jidentifika lill-imputat appellat li kien dak, fost l-ufficjali tas-sigurta prezenti li daruh, li tah in-«knee strike» li korrietu u ma kienux l-ohrajn, U li fil-fatt kien l-istess imputat appellat li kemm skont Rene' Brincat kif ukoll skont l-istess imputat appellat kien dak li fl-ahhar mill-ahhar tefghu il-barra mill-istabbiliment.

Apparti minn hekk dan jiggustifika wkoll l-interess li l-imputat appellat wera aktar tard matul dak il-jum fuq l-ezitu ta' dan l-incident meta l-imputat appellat staqsa dwar kif kien baqa Rene' Brincat ma shab l-istess Rene' Brincat f'party iehor li kien hemm fil-ghaxija, Bid-dovut rispett dan l-interess zgur ma jigix muri f'kull persuna minn dawk ic-cirka 3,000 ruh li jkunu prezenti ghal dawn il-«parties». Ghalkemm dan kien gest nobbli da parti tal-imputat appellat, xorta wahda juri interess «ex post facto», thassib, «concern». Kien ikun ahjar jekk tali hsieb gie ezercitat qabel l-att u mhux wara. Wara kulhadd gharef.

F'dan il-kaz, ma hemmx ragunijiet legalment validi ghaliex il-verzjoni tal-fatti rakkontata kjarament mill-vittma ta' dan ir-reat, u sa certu punt korroborata mill-istess imputat appellat, ma ghandhiex tigi emnuta. Aktar u aktar meta l-verzjoni tal-fatti rakkontata mill-imputat appellat u x-xhieda prodotti minnu tgiddeb wahda lill-ohra. Kif ukoll meta l-vjolenza ngustifikata li giet ezercitata fuq Rene' Brincat halliet konsegwenzi permanenti fuq sahtu, f'kuntest fejn l-istess Rene' Brincat stqarr u identifika kjarament ghal aktar minn darba min kien l-awtur ta' dan id-delitt li korrih ghal ghomru.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-Avukat Generali, l-appellant, qed isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi. Hu jtenni li hemm provi diretti u indiretti li jindikaw li l-appellat hu hati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi l-appellant hu tal-fehma li kien hemm identifikazzjoni pozittiva. Fuq dan il-fatt l-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha 'il ghaliex din l-identifikazzjoni setghet ma tkun pozittiva xejn. Fil-fatt, l-ewwel Qorti elenkat il-linji gwida misjuba fil-kwza ngliza "Turnbull" li ghalkemm ma ssibhomx fil-ligi taghna, izda huma parametru li wiehed jista' juza fl-aktar mod logiku. Madanakollu, fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali wiehed isib kif ghandu jitqies xhud fuq il-pedana. L-ewwel Qorti kellha l-konfort li setghet taghmel dak kollu elenkat f'dan l-artikolu tal-ligi u ghalhekk waslet ghal konkluzjonijiet taghha.

Illi meta din il-Qorti qrat ir-rikors tal-Avukat Generali giet rinfaccjata minn interpretazzjoni tal-fatti differenti ghal dik li ghamlet l-ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni li kienet legali u ragonevoli.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.